MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 205/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Attard**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Attard talli fid-9 Frar 2007 ghal habta tal-23.30hrs gewwa Triq il-Hatab, San Pawl il-Bahar:

1. kiser il-bon orndi u l-kwiet tal-pubbliku;

2. ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Said Bouslama hekk kif ccertifikat minn Dr. Raymond Borg milll-Klinika tal-Furjana;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Mejju 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alfred Attard hati skond l-imputazzjonijiet dedotti

kontra tieghu u kkundannatu ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25) fuq l-ewwel imputazzjoni u xahar prigunerija sospiz ghal sentejn skond l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodici Kriminali; inoltre dik il-qorti, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 rabtet lill-istess Attard b’obbligazzjoni personali ta’ mitt lira (Lm100) li jzomm il-kwiet ma’ Said Bouslama u li jzomm il-bon-ordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena (din l-obbligazzjoni saret bil-miktub skond il-ligi u tinsab a fol. 18 ta’ l-atti);

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza, li giet milqugha;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Alfred Attard, minnu prezentat fl-24 ta’ Mejju 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tal-14 ta’ Settembru u 20 ta’ Settembru 2007; ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda incident li inqala’ l-ewwel gewwa u ftit wara barra hanut tax-xorb – ir-*Rusty Nail Pub* – f’San Pawl il-Bahar, f’liema incident jirrizulta li wegga’ Said Bouslama. L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel wiehed hu migjub f’dawn il-kliem: *“Illi l-esponenti kien il-vittma u mhux l-aggressur f’dan il-kaz. Illi x-xhieda kollha xehdu quddiem il-Qorti tal-Magistrati li fil-fatt kien Said Bouslama li sawwat lill-esponent u mhux vici versa. Illi jekk xejn certament li l-esponenti ma setghax jigi misjub hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu minhabba kunflitt fil-provi.”* It-tieni aggravju hu dwar il-piena, li l-appellant jikkontendi li kienet *“…esagerata ghall-ahhar…”* ghax, skond hu, f’kazi simili il-Qorti tal-Magistrati invarjabbilment tikkundanna ghal piena ta’ multa ta’ mhux izjed min hamsin lira izda mhux piena ta’ prigunerija sospiza.

Kif tajjeb jirrileva l-appellant, il-kaz idur fuq kwistjoni ta’ kredibbilita`. Jibda biex jinghad li s-semplici fatt li jkun hemm konflitt ta’ provi, fis-sens li xi xhieda jghidu mod u ohrajn jghidu mod iehor, ma jfissirx neccessarjament li l-

qorti ghandha tillibera ossia li l-prosekuzzjoni ma tkunx ippruvat il-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi. Kif inhu risaput, il-kredibblita` ta' xhud – ossia jekk xhud temmnux f'kollox, f'parti biss jew ma temmnu f'xejn minn dak li jghid – tiddependi minn hafna cirkostanzi, li xi whud minnhom il-legislatur elenka f'diversi disposizzjoni tal-Kodici Kriminali – ara l-Artikoli 630, 633(1), 636 u 637. U xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, jista' jkun bizzejjed biex jaghmel prova shiha u kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar – Artikolu 638(2). Principju iehor regolatur f'din il-materja hu li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel qorti jekk dak l-apprezzament ikun, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wiehed li dik il-qorti setghet <u>legalment</u> u <u>ragjonevolment</u> taghmel.

Mill-kumpless tal-provi din il-qorti hi sodisfatta li l-incident kollu beda minhabba l-imgieba aggressiva ta' wiehed mill-parruccani tal-hanut, Nicholas Caligari, li ghax deherlu li Said Bouslama u l-habiba tieghu Catherine Said kienu qed igibu ruhhom mhux sewwa mal-*bar*, sabbat kikkra mal-bank u kissirha b'mod li attira l-attenzjoni ta' persuni ohra, fosthom l-appellant. L-appellant mar vicin fejn kienu Bouslama u Caligari u qal kliem minatorju fil-konfront ta' Bouslama fis-sens li kien ser imur igib xi haga mill-karozza tieghu li kienet fit-triq. Din il-Qorti hi sodisfatta li Bouslama hareg proprju biex jara x'kien ser igib mill-karozza Attard, u dan ghax hu gustament haseb li Attard kien ser igib xi haga li biha jaggredih. Hawnhekk, cioe` barra l-hanut, kelma ggib ohra u dawn it-tnejn spiccaw jiggieldu bl-idejn. F'hin minnhom jidher li intervjenew tnjen min-nies ohra li wkoll aggredew lil Bouslama. Fid-deposizzjoni tieghu Bouslama ikkonferma li l-appellant tah daqqiet li kkawzawlu offizi ta' natura hafifa. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara assolutament ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel qorti ghal dik li hi htija fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti, wara li rat il-fedina penali ta' l-appellant li tindika kjarament karattru refrattarju u li

ma jiddejaq xejn jaghmilha tal-*bully*, hi tal-fehma li hawn ukoll l-ewwel qorti kienet gustifikata li teroga l-piena li effettivament erogat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni. Anzi din il-Qorti tazzarda tghid li kieku l-ewwel qorti kellha l-fedina penali ta’ l-appellant quddiemha – haga li, sfortunatament il-Qrati Inferjuri rarament ikollhom – probabbilment kienet tinfliggi piena karceraja b’effett immedjat u mhux b’effett sospiz. Ghalhekk anke it-tieni aggravju ta’ l-appellant huwa infondat.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu operattiv ta’ sentejn tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri mil-lum, kif ukoll jibda jiddekorri mil-lum il-periodu ta’ sena relattiv ghall-precett skond l-Artikolu 383. Fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (8) ta’ l-Artikolu 28A tal-Kodici Krminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------